*Meta fl-1921, Malta għall-ewwel darba ħadet il-Gvern tagħha f'idejha, l-Amministrazzjoni malajr indunat li ma kien hemm xejn aħjar mill-kelma Maltija biex il-Gvern ifiehem lill-poplu u biex il-poplu jwassal leħnu lill-Gvern. Għalhekk inħasset il-ħtieġa tal-Malti fl-amministrazzjoni; imma biex dan isir sewwa kien jeħtieġ li jistabilixxu sistema ta' kitba xjentifika fil-Malti. Dan is-sistema ta' kitba kien il-kawża ta' bosta ġlied u piki bejn il-għaqdiet tal-Malti li kienu twaqqfu sa dak iż-żmien.*

*Għalhekk bħala l-ewwel pass lejn ir-rebħa tal-Malti, kien il-ħolqien ta' sistema mħaddan minn kulħadd: Gvern, kittieba u poplu. B'dan il-ħsieb twaqqfet il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, il-lum Akkademja tal-Malti, li seħħilha tagħti lil pajjiżna alfabett u ortografija mibnijin fuq sistema xjentifiku li qdew bħala sisien għall-iżvilupp letterarju u kulturali ta' l-Ilsien Malti.*

*L-Għaqda seħħilha tħejji s-sistema mħaddan minn kulħadd iżda, b'danakollu, għaqdiet u xirkiet oħra għażlu li jibqgħu mifrudin mill-Għaqda għalkemm dejjem stmawha u żammewha bħala l-Omm tagħhom.*

*Dan in-nuqqas ta' sħubija, bħalma għidna qabel, seta' naqqas l-effett tal-ħidma ta' l-għaqdiet u żamm lura l-iżvilupp tal-Malti. Għalhekk fost dawk li jħobbu tassew l-ilsien tagħna, bdiet tinħass il-ħtieġa għall-għaqda fost il-għaqdiet, u fl-1936 tqanqlet ħidma biex il-għaqdiet u x-xirkiet jersqu lejn xulxin, jissieħbu flimkien u jingħaqdu f'Kunsill Ċentrali. Tant ħabirku li r-Rappreżentanti tal-għaqdiet tal-Malti ltaqgħu bosta drabi, fasslu statut, ħatru Kumitat u bdew il-ħidma tagħhom. Imma mbagħad ġiet il-gwerra li sfrattat kollox.*

*Imma dik ix-xewqa għall-ħidma għalenija baqgħet tberren f'moħħ dawk li jħobbu l-Malti, u fl-aħħar xhur li għaddew xi ħbieb tal-Malti reġgħu qajmuha fil-gazzetti u fix-xandir. Billi l-fehma kienet tajba u ta' min ifaħħarha, il-għaqdiet ħatru d-Delegati tagħhom li ltaqgħu flimkien u, wara studju u diskussjonijiet, ħejjew statut li kien milqugħ minn kulħadd, li taħtu ntagħżel l-ewwel Kunsill Ċentrali u li bla telf ta' żmien beda l-ħidma tiegħu b'risq l-ilsien tagħna.*

*Dan il-Kunsill Ċentrali twaqqaf biex igħin lill-għaqdiet fil-ħidma siewja tagħhom, u mhux biex jindaħlilhom jew biex jistħarrġilhom għemilhom; ir-rabta ta' bejniethom li tnisslet mill-Kunsill Ċentrali, hi rabta ta' bejn il-ħbieb li jaqbżu għal xulxin, li jixtiequ l-ġid lil xulxin, kif għandu jkun fost l-ulied ta' din l-art ħelwa, l-omm li tatna l-ħajja.*



# ĦANINA...!

## ta' PAWLU AQUILINA

Ħanina int, li meta tajtni l-ħajja
Xejjint l-uġigħ u ħsilt ħaddejk bid-dmugħ...
U bistni min jaf kemm u nsejt kull weġgħa,
Basta fi ħdanek demmek stess ħa r-ruħ!

Ħanina idek li mellsitli xagħri
Meta, tfajjel li kont, ġejt niġri ħdejk,
Għannaqtni ġo dirgħajk u tajtni l-faraġ
Biż-żegħil safi li ħassejt f'idejk.

Ħanina l-bewsa ta' xufftejk, imnissla
Ġo qalb li tħobb bla tmiem u bla mistrieħ —
Fiha min jaf kemm hena sibt u faraġ
U, bikri, fit-tfulija, ħolm sabiħ!

Ħanina ħarstek, li f'għajnejk irżina,
Kien hemm ġo fiha qalbek tħabbat sfiq...
Kemm meta qalb il-ward ilmaħtni miexi...
Kemm meta ntlift interraq qalb l-għolliq...!

Ħanina kelmtek bnina, kollha ħlewwa,
Mimlija mħabba, hena, ferħ u sliem;
Ifawwar leħnek ħlejju daqs il-għasel,
Li l-benna wtieqa tiegħu hi bla tmiem.

Ħanina qalbek li, għax tħobb, sawritni
U tatni demm u ruħ u qalb għalik;
Li tibqa' wrajk ukoll u dejjem tiegħek.
Għax minnek ħajti u mistrieħi fik!

Ħanina int, li meta għajnejk fil-ħofra
Jinżlu u jiddallmu bl-aħħar ċpar u dlam...
U tħoss dirgħajk bla ħila u bla saħħa
Ibsin bħaż-żonqor u kesħin bħar-rħam,

U tħoss xufftejk nixfin, bla ħajja, jiksħu
Bħas-silġ u jsiru lewn iċ-ċomb u r-rmied:
Ikun baqagħlek biss nifs wieħed f'sidrek,
Biex tlissen: "Nibqa' nħobbok mis-smewwiet!"

17.3.54